# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 56**

**Rikors numru 140/14/1 JZM**

**Charles Schembri**

**v.**

**Victor Vella**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Charles Schembri tal-14 ta' Frar, 2014, li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi l-kontendenti kienu qed jipprospettaw negozju bejniethom bis-saħħa ta' liema r-rikorrenti kellu jitrasferixxi dgħajsa nkluż mutur u karru favur l-intimat aċċettanti tal-valur ta' €42,000 u in kontrakkambju l-intimat kellu jitrasferixxi favur ir-rikorrenti aċċettanti proprjeta` immobbiljari li parti mill-prezz tagħha kien sejjer jitħallas tramite l-imsemmija dgħajsa;

2. Illi dan in-negozju ta' tpaltit qatt ma avvera ruħu stante li l-kontendenti qatt ma waslu fi qbil fuq l-immobbli li kienet ser tiġi trasferita mill-intimat favur ir-rikorrenti;

3. Illi għalkemm il-ftehim prospettat u negozjat ta' tpaltit qatt ma ngħata bidu w wisq anqas konkluż, il-kontendenti xorta waħda pproċedew bi qbil bejniethom fuq it-trasferiment tad-dgħajsa mir-rikorrenti a favur tal-intimat aċċettanti u dana versu l-korrispettiv miftiehem ta' €42,000;

4. Illi fil-fatt ir-rikorrenti biegħ, ittrasferixxa u kkonsenja favur tal-intimat li aċċetta dgħajsa tal-mudell Saver 650 (Hull numru ITSVRAB 423B212) fl-imkien ma mutur outboard tal-mudell Evenrude 200HP E-Tec (serial number 05355614) u karru mudell 670 tad-ditta Dromeys u dana versu l-prezz pattwit ta' €42,000;

5. Illi l-imsemmi oġġett ta' dan il-bejgħ kien ġie debitament reġistrat mal-Awtorita` kompetenti fuq isem l-intimat u jinsabu hekk reġistrati sal-ġurnata tallum kif jirriżulta mill-anness dokument market Dok A;

6. Illi jingħad inoltre li l-imsemmija oġġetti meritu tal-istess bejgħ għadhom sallum fil-pussess u l-użu esklussiv tal-intimat bħala sid l-istess;

7. Illi mill-ammont pattwit ta' €42,000, ir-rikorrenti ġia rċieva s-somma ta' €8,500 akkont tal-prezz meta huwa ġie mogħti mill-intimat ir-rikavat tal-bejgħ ta' dgħajsa li ta' l-aħħar kien ittrasferixxa a favur ta' terzi;

8. Illi għalkemm l-intimat ġie mitlub diversi drabi biex iħallas ir-rimanenti bilanċ fis-somma ta' €33,500 inkluż tramite ittra legali datata 25 ta' Novembru 2013 u ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2013, huwa baqa' inadempjenti w għalhekk kellha tiġi ntavolata dina l-kawża;

9. Illi l-fatti kollha li jifformaw parti mill-preċitati premessi huma magħrufa personalment lir-rikorrenti;

10. Illi għalhekk isegwi li l-intimat huwa debitur vera ċert u likwidu a favur tar-rikorrenti fl-ammont ta' €33,500 u sa fejn jaf l-istess esponenti, l-intimat ma għandu ebda eċċezzjoni valida x'jista' jressaq;

11. Illi in vista tal-premess għalhekk għandu jirriżulta li jirrikorru l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi sabiex ikun hemm id-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 (1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi mismugħa u deċiża bil-proċedura sommarja speċjali.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi:-

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma fuq indikata ta' €33,500.

Bl-imgħax legali dekorribbli mit-28 ta' Awissu 2012 u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra legali datata 25 ta' Novembru 2013, ta' ittra uffiċjali datata 11 ta' Diċembru 2013 u ta' mandat ta' sekwestru datat 4 ta' Frar 2014 kontra l-intimat minn issa nġunt peronalment għas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Victor Vella, datata 23 ta' April, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxi l-privilegium fori stante illi huwa jirrisjedi Għawdex u għalhekk kwalunkwe proċeduri fil-konfront tiegħu għandhom jittieħdu fil-Qorti Għawdex;

2. Preliminarjament, in-nullita tal-proċedura odjerna;

3. Preliminarjament, l-invalidita` u konsegwenti nullita tan-notifika tal-proċedura odjerna;

4. Preliminarjament it-talbiet attriċi illum huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif joħroġ ċar mill-aħħar paragrafu tat-talbiet attriċi;

5. Fil-mertu, il-konvenut ma għandu jagħti xejn lill-attur u l-ammont pretiż mill-attur la huwa veru, la huwa likwidu, la huwa ċert u lanqas huwa dovut mill-konvenut, kif jiġi pruvat waqt is-smigħ tal-kawża;

6. Illi huwa l-attur li huwa debitur tal-konvenut fis-somma ta' disat elef u ħames mitt Ewro (€9,500) u mhux tmint elef u ħames mitt Ewro (€8,500) rappreżentanti prezz tal-bejgħ ta' dgħajsa oħra li xi żmien qabel il-konvenut kien biegħ lill-attur u dan kif ammess fir-rikors odjern mill-attur stess;

7. Il-konvenut qabel in-notifika tal-proċedura odjerna qatt ma ġie interpellat jew notifikat bit-talbiet attriċi b'xi mod ieħor, la ittra legali, la ittra interpellatorja u wisq anqas b'xi mandat ta' Sekwestru relattiv għat-talbiet attriċi kif dikjarat fil-paragrafu tmienja (8) tal-premessi u fl-aħħar paragrafu tar-rikors promotorju odjern u konsegwentement ma għandu jbagħti l-ebda spejjeż tal-proċedura odjerna;

8. Illi l-konvenut intimat qatt ma mar jixtri xi dgħajsa minn għand ir-rikorrenti iżda kien ir-rikorrenti, li wara li laħaq ftehim mal-konvenut intimat għax-xiri ta' tlett appartamenti u tlett garaxxijiet minn għand il-konvenut intimat, ir-rikorrenti talab lill-konvenut intimat sabiex id-depożitu dovut minnu fuq l-imsemmi ftehim iħallsu permezz ta' dgħajsa minflok fi flus kontanti u l-konvenut intimat sabiex ma jitlifx l-imsemmi negozju aċċetta din it-talba tar-rikorrenti;

9. Illi pero` r-rikorrenti reġa' bdielu dwar dan in-negozju u ma riedx ikompli bl-obbligu tiegħu li jixtri l-imsemmija appartamenti u garaxxijiet u dan minkejja li l-konvenut intimat offrielu diversi għażliet;

10. Illi stante illi huwa r-rikorrenti li ma jridx jonora l-obbligi tiegħu fuq l-imsemmi xiri, huwa għandu jbagħti l-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni unilaterali tiegħu u jitlef id-depożitu mħallas minnu;

11. Illi in oltre r-rikorrenti huwa responsabbli għal u għandu jħallas id-danni u l-ispejjeż sofferti mill-konvenut intimat minħabba illi huwa unilateralment ma onorax l-obbligu tiegħu li jixtri l-imsemmija appartamenti u garaxxijiet;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".

3. Rat is-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi:

(i) dik tal-11 ta' Diċembru, 2014, li permezz tagħha ġiet deċiża l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut fis-sens li ġiet miċħuda u l-ewwel Qorti ddikjarat ruħha kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

(ii) dik tas-26 ta' Frar 2015, li permezz tagħha l-ewwel Qorti ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar in-nullita` tal-proċedura odjerna u tal-invalidita` u konsegwenti nullita` tan-notifika tal-proċedura odjerna u ordnat lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża;

(iii) dik tal-15 ta' Settembru, 2015, li permezz tagħha l-ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut, dik dwar il-preskrizzjoni tat-talbiet attriċi skont l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ispejjeż għall-imsemmija sentenza jitħallsu wkoll mill-konvenut; u

(iv) dik tat-30 ta' Marzu, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u laqgħet it-tieni talba tal-attur, ikkundannat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €33,500 bl-imgħax legali b'effett mis-27 ta' Marzu, 2014, sad-data tal-pagament effettiv. Ikkundannat lill-konvenut ukoll sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Novemnru, 2013, tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru, 2013 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-4 ta' Frar, 2014.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenzi tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru, 2014, dik il-Qorti ddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-*privilegium fori* peress li huwa jirrisjedi Għawdex, fis-sens li ġiet miċħuda u l-ewwel Qorti ddikjarat ruħha kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża. Dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**III. <u>Risultanzi</u>**

Bl-eccezzjoni li qeghda tigi deciza bis-sentenza tal-lum, il-konvenut eccepixxa l-*privilegium fori* ghax jikkontendi li l-kawza tal-lum messha giet istitwita fil-Qorti ta` Ghawdex billi huwa residenti Ghawdex.

Skont l-**<u>Art 50 tal-Kap 12</u>**, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hija kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` pretensjoni kontra " … *l-persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta` Ghawdex jew ta`*

*Kemmuna, kif ukoll ta` dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."*

L-**<u>Art 741(c) tal-Kap 12</u>** jiddisponi li :- *"L-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata … meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."*

Persuni li joqghodu Ghawdex (u del resto dawk li jirrisjedu Malta) ghandhom id-dritt, meta jkunu konvenuti f`kawzi, li jigu msejha quddiem il-Qrati tal-gzira fejn joqghodu. Infatti l-**<u>Art 767 tal-Kap 12</u>** jghid :-

> *"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta` Malta rigward il-qrati ta` dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta` Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta` dawk il-Gzejjer."*.

L-**<u>Art 770 tal-Kap 12</u>** jiddisponi :

> *"Il-privilegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari".*

L-**<u>Art 771 tal-Kap 12</u>** jistipula :

> *"Il-privilegium fori ma jistax jintalab mill-werriet, meta ghar-raguni msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, ma setghax ikun mitlub mill-awtur tieghu".*

Il-*privilegium fori* jispicca :-

1. meta l-ghadd ta` konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu ndaqs (**<u>Art 769</u>**).

2. meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi ezegwita fi gzira partikolari (**<u>Art 770</u>**).

3. meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (**<u>Art 772</u>**).

Applikati l-premessi disposizzjonijiet ghall-kaz tal-lum, jirrizulta li l-konvenut ghandu r-residenza tieghu gox-Xewkija, Ghawdex. L-evidenza tieghu tistabilixxi dan bhala fatt. Ladarba saret l-eccezzjoni tal-*privilegium fori*, u dan *in limine litis,* l-Art 741(c) u l-Art 767 tal-Kap 12 ghandhom <u>generalment</u> japplikaw. Pero` l-Qorti tissolinea l-punt ta` dritt illi ghar-regola generali hemm eccezzjoni skond l-Art 770 tal-Kap 12 fejn jinghad li l-*privilegium fori* jispicca fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim bejn il-partijiet, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Il-ligi hija cara u inekwivoka u ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni. Fil-kazi li jaqghu fit-termini ta` l-Art 770 tal-Kap 12, il-konvenut ma jibqghalux aktar id-dritt li jinvoka l-beneficcju li jigi mharrek quddiem qorti fi gzira partikolari. Meta kawza tkun tittratta dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tigi esegwita gewwa Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti go Malta ma jistax jissolleva l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi trattata u deciza mill-Qorti ta` Ghawdex (ara : "**<u>Gorg Vella noe et vs Rev Charles Cini</u>**" deciza fis-16 ta` Frar 2001). Il-principju ewlieni li dejjem gie segwit mill-qrati

taghna huwa illi, fejn in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu, kellu jigi esegwit fi gzira partikolari, il-qrati ta` dik gzira ghandhom kompetenza li jisimghu u jiddeciedu l-kawza.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**AE**) fit-13 ta` Ottubru 2009 fil-kawza "**Maria Bezzina vs J Grech Ltd**" fejn il-Qorti qalet hekk :-

> *"Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f`kaz ta` obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni " … .il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell`una delle dette isole determinatamente."*

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Frar 1917 fil-kawza "**Angelo Zammit vs Michele Debono**" (Kollez Vol XXIII.iii.495) il-Qorti tal-Kummerc qalet hekk :-

> *"Che questa disposizione contempla evidentemente l`esecuzione di un`obbligazione contrattuale, non potendo le espressioni `il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare`, riferirsi ad un`obbligazione come quella che nel caso si pretende fare derivare ex delicto, cioe` dal dolo praticato dal convenuto; Che per l`applicazione della disposizione citata e` mestiere che tra il creditore ed il debitore sia intervenuto un patto per cui l`obbligazione si debba eseguire in una delle isole determinatamente; e la esistenza di un tale patto e` inconcepibile nelle obbligazioni fondate sulla colpa extra-contrattuale."*

Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Novembru 2000 fil-kawza "**Joseph Xerri noe vs Hix Travel Limited**" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri (**PC**) qalet hekk :-

> *"Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mid-"Dokti. H.1 u H.2" esebiti mis-socjeta`konvenuta, illi s-sede ufficcjali ta` din il-kumpanija huwa fil-gzira ta` Malta, precizament fl-indirizz: 93, Rower Road, Sliema, u ghalhekk `prima facie` jidher illi s-socjeta` konvenuta ghandha ragun tqajjem din l-eccezzjoni gialardarba giet imharrka fil-Qorti ta` din il-gzira u mhux f`dik ta` fejn titqies li hija r-residenza taghha.*
>
> *Imma l-Qorti ma tistghax tieqaf hawn, kif donnha tippretendi s-socjeta` konvenuta. Importanti ferm ghas-soluzjoni ta` din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tinghata wahda mill-eccezzjonijiet ghal din irregola u rilevanti ghal kaz in ezami. Infatti dan l-istess artikolu jghid illi : "l- `privilegium fori` jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari"*
>
> *… Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom dwar din l-eccezzjoni tal-`privilegium fori`, u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi hadd residenti Malta jigi mharrek quddiemha.*
>
> *Dejjem pero` gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju tal-konvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gzira partikulari, fil-kaz taghna f`Ghawdex (ara f`dan ir-rigward : Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima:12.2.92; u cit. 6/1996 : "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" moghtija fit-22 ta` April*

*1997 u kkonfermata fl-Appell).Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi l-obbligazzjonijiet kollha in konnessjoni ma` dan in-negozju ikkuntrattat bejn il-mandanti ta` l-attur nomine minn naha l-wahda u s-socjeta` konvenuta minn naha l-ohra sar kollu f`Ghawdex, millagenzija tal-Kumpanija "Hix Travel Limited" tramite r-rapprezentanta taghhom f`din il-gzira . M`ghandu jkun hemm ghalhekk l-ebda raguni ghaliex lallegatobbligu tas-socjeta` konvenuta li tinforma lill- koppja Greenwood bilhtiega ta` visa ghalihom biex jiddahhlu gewwa Franza, u li minhabba fih qed tigi mharrka din l-agenzija ta` l-ivvjaggar, ma setghax ghalhekk facilment jitwettaq ukoll mill-ufficcju taghhom f` Ghawdex.*

*Ghaldaqstant f`dawn ic-cirkostanzi, fejn irrizulta illi n-negozju guridiku li ta lok ghall-kawza prezenti twettaq fil-parti preponderanti tieghu fil-gzira ta` Ghawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l- `privilegium fori` tal-konvenut."*

Fis-sentenza tat-13 ta` Frar 1862 (Kollez Vol II.102) fil-kawza "**Cassar Desain vs Rapa et**" kien deciz :

"*Avendo considerato che, sebbene I convenuti nell`Isola di Gozo, e che giusta la disposizione dell`articolo 775 delle leggi d`Organizzazione e Procedura Civile, quando I convenuti residenti nella detta isola siano in maggior numero de` convenuti residenti nell`Isola di Malta, ciascuno di detti residenti nel Gozo puo declinare il foro di Malta – e sebbene il-beneficio del foro cessa, a tenore dei provvedimenti espressi nell`articolo 777 delle dette leggi, nel caso in cui la causa versi sopra una obligazione il cui adempimento sia stato convenuto doversi fara nell`una delle dette Isole determinatamente-pure in fatto non si controverte che I convenuti ed I loro autori siano stati obbligati di adempiere in Malta l`obbligazione de loro assunta circa I pagamenti dei canoni."*

Fis-sentenza tas-7 ta` Dicembru 1923 fil-kawza "**Angelo Pisani noe vs Paolo Mizzi**" (Kollez. Vol. XXV.I.1031) kien deciz :

"*. . . secondo l`articolo 777 delle leggi di procedura civile il beneficio del foro cessa quando siasi convenuto che l`obbligazione debba essere adempita nell`isola diversa da quella ove ha residenza il convenuto che invoca il-beneficio suddetto.*"

Fis-sentenza tat-30 ta` Marzu 1933 fil-kawza "**Salvatore Cilia vs Paolo Bajada**" (Kollez. Vol. XXVIII.III.1114) kien deciz :

" *… il convenuto declina il foro di Malta siccome egli e` domiciliato al Gozo. Il convenuto (sic) pero` ribatte la detta eccezione col fare riferimento all`articolo 777 del Codice sul rito in forza del quale "il beneficio del foro cessa ancora nel caso in cui la causa versi sopra una obbligazione il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare null`una delle dette isole determinatamente" e la corte di appello di sua Maesta il 31 Marzo 1927 (Collez. XXXVI, I, 386) in commento del suo surriferito disposto ritenne doversi lo stesso applicare ad una causa in cui l`obbligazione fu adempiuta in Malta, tanto colla consegna quanto col pagamento del prezzo, fondandosi sulla presunzione di una tacita elezione di domicilio riguardo a tutto cio` che concerne una data obbligazione (v. anche sent. P.A. Civile, 19.0262, Collez. II, pag 102, ed. Appello 6 giugno 1930, Micallef vs. Zammit)"*

Fis-sentenza tat-18 ta` Novembru 1939 fil-kawza "**<u>Giuseppe Busuttil</u> <u>vs</u> <u>Giorgio Spiteri</u>**" (Kollez. Vol. XXX.I.1004) kien deciz :

*"Skond l-artikolu 774, kombinat ma` l-Art 748 para. 3 tal-ligijiet tal-Procedura Civili min joqghod Ghawdex ghandu dritt ossia benefizzju li jigi mharrek quddiem il-Qorti ta` Ghawdex u ghalhekk ghandi dritt li jeccepixxi l-inkompetenza tal-Qorti jekk jigi mharrek quddiem il-Qorti ta` Malta … Dana l-benefizzju jispicca meta l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li l-adempiment taghha kellu jsir, bi ftehim, f`wahda jew l-ohra minn dawn il-Gzejjer …"*

Fis-sentenza tat-13 ta` Frar 1953 fil-kawza "**<u>Patri Partiniano</u> <u>Cutajar noe vs Avukat Dr. Dustan George Bellanti noe</u>**" (Kollez. Vol. XXXVII.I.59) kien deciz :-

*"Illi l-Kodici tal-Procedura fl-art. 742c jistabilixxi li l-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-Qorti tista` tinghata, fost kazi ohra, meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari. L-art. 768 imbaghad, ikompli jzid li dan il-beneficcju msemmi fil-paragrafu c tal-art. 742, hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Malta rigward il-Qorti ta` din il-Gzira u lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna rigward il-Qorti ta` dawn il-Gzejjer. Minn dawn id-disposizzjonijiet inholoq id-dritt ta` kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-Gzira fejn hija tinsab toqghod. Pero` jinghataw kazijiet, kif l-istess Kodi tal-Procedura jistabilixxi, fejn dan il-privilegg ma jkunx jista` jigi miltub u milqugh. Hekk fl-art. 771 il-Kodici jistabilixxi li dan il-previlegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi ezegwita fi Gzira partikolari. Meta l-kawza tkun tivverri fuq obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi ezegwita hawn Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti Malta, ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza jinhtieg li tigi deciza quddiem dina l-Qorti Taghna. Hekk ukoll, ghalkemm il-konvenut ikun residenti Ghawdex, jekk il-kawza tkun dwar obbligazjoni li skond il-ftehim kellha ssir Malta, allura kompetenti jkun l-Qorti ta` Malta u mhux din (ara f`sens konformi Kollez. Vol. XXVIII-III-1114, Vol. XXIX-III-35, Vol. XXX-I-1004, Vol. XXXI-722);Inoltre, il-Kodici tal-Procedura, fl-art. 746, ikompli jistabilixxi ceri regoli li ghandhom jitharsu sabiex tigi stabbilita l-kompetenza bejn Qorti u ohra ta` dawn il-Gzejjer f`certi kazi ta` residenza prezunta u fost kazi ohra, fil-paragrafu (h), jistabillixi rigward wirt battal il-Qorti kompetenti hija dik tal-lok fejn il-mejjet kien joqghod l-ahhar, jekk dan il-lok ikun maghruf.. . . il-hlas tac-cens kellu jsir lill-appellant nomine fil-Gzira ta` Ghawdex. B`dina l-kondizzjoni "l-privilegium fori" li l-enfitewta seta` jinvoka in bazi ghad-disposizzjoni ta` l-art. 742c u 768 tal-Kodici tal-Procedura Civili gie nieqes, kif stabbilit fl-art 771 ta` l-istess Kodici."*

Fis-sentenza tad-19 ta` Novembru 1954 fil-kawza "**<u>John Borg vs Salvatore Bonnici</u>**" (Kollez. Vol. XXXVIII.I.236) kien deciz :

*"illi pero` skond l-art. 771 ta` l-imsemmi Kodici tal-Procedura, il-"privilegium fori" jispicca meta l-kawza tkun dwar obligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi ezegwita fi Gzira partikolari – liema principju ghandu jipprevali ghar-regola generali stabbilita fl-art. 768 fuq citat.. .L-appellant issottometta l-argument li fl-art. 771 fuq citat hemm il-kliem "skond il-ftehim" u li ghalhekk jehtieg li jkun hemm ftehim "espress" li l-obligazzjoni ghandha tigi ezegwita fi gzira partikulari. Izda l-ftehim jista` jkun "tacitu" u hu ftehim tacitu anki meta l-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-ligi . . ."**Vivian Gatt noe vs. Carmelo Grima** (Vol. LXXVI.II.369)"Issa jirrizulta b`mod car li l-hlas mill-konvenut kien dejjem isir*

*Malta fl-ufficcju tal-attur nomine. L-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa kollu ghax-xoghol u negozju li kien ghaddej qabel bejn il-kontendenti sa kemm il-konvenut kien waqaf fil-hlas. L-iskrittura in kwistjoni tirregola biss kif kellu jithallas il-bilanc. Minn dan wiehed jifhem li ma ma semmghu xejn il-partijiet dwar fejn kellu jithallas il-bilanc, kien intiz bejniethom li dan kellu jibqa jsir f`Malta u la dan kellu jsir Malta japplika d-dispost ta` l-artikolu 770 tal-Kodici fuq citat u ghalhekk f`dan il-kaz il-privilegium fori kien jispicca."*

Fis-sentenza taghha tal-20 ta` Mejju 1994 fil-kawza "**Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw**" (Kollez. Vol. LXXVIII.II.162) il-Qorti tal-Appell qalet:-

*"L-artikolu 50(I) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi l-Kompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f`kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li l-kawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skond il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari (ara Artikolu 770 – Kapitolu 12)".*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Novembru 1995 fil-kawza "**Joseph Aquilina noe vs Richard dei Conti Stagno Navarra**" (Vol. LXXIX.II.661) il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk :

*"Jinghad fih infatti illi dik il-Qorti ta` Ghawdex bl-eskluzjoni tal-Qorti ta` Malta li naturalment tezawtora l-kompetenza ta` din il-Qorti, hija kompetenti biex tisma u tiehu konjizjoni – bhala Qorti ta` l-ewwel grad – "ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom residenza taghhom ordinarja fil-gzira ta` Ghawdex jew kemmuna kif ukoll dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti"."Hu car ghalhekk illi fuq kollox u qabel xejn hu l-fattur tar-residenza tal-konvenut li jirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta` Ghawdex, ad eskluzjoni tal-kompetenza ta` din il-Qorti ….."……"Minn dawn id-disposizzjonijiet inholoq id-dritt ta` kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-Gzira fejn hija tinsab toqghod".*

Ben meqjusa d-disposizzjonijiet tal-ligi, fl-isfond tar-rassenja ta` gurisprudenza appena trattata, il-Qorti tghid illi mix-xiehda tal-konvenut Victor Vella, irrizulta li kien sar ftehim bejn il-partijiet li permezz tieghu l-attur kellu jixtri tlett immobbli minghand il-konvenut, liema fondi kienu jinsabu gewwa Birkirkara. Waqt li kien qed isir dan in-negozju, kien miftiehem li l-konvenut jixtri dghajsa gdida minghand l-attur, u li d-depozitu relatat mat-trasferiment ta` l-immobbli isir bid-dghajsa. Irrizulta ghalhekk li d-dghajsa kellha sservi bhala depzitu fuq il-fondi li l-attur kien ser jixtri minghand il-konvenut gewwa Malta. Il-ftehim sar fl-istabbiliment li l-attur ghandu Malta.

Fil-fehma tal-Qorti, jirrizulta : 1) li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita gewwa Malta anke ghaliex il-fondi jinsabu Malta ; u 2) li n-negozjati bejn il-partijiet saru Malta. Ladarba hekk huma l-fatti, ghalkemm irrizulta wkoll li l-konvenut huwa residenti Ghawdex, tghodd ghall-kaz tal-lum l-eccezzjoni kontemplata bl-Art 770 tal-Kap 12.

(ii) Fis-sentenza tagħha tas-26 ta’ Frar 2015, l-ewwel Qorti ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar in-nullita` tal-proċedura odjerna u tal-invalidita` u konsegwenti nullita` tan-notifika tal-proċedura odjerna wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**II.** **<u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa *n-nullita` tal-procedura odjerna.*

Fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2014, il-konvenut ma gabx provi biex isostni din l-eccezzjoni. Min-naha tieghu, l-attur qaghad fuq l-atti.

**<u>L-Art 789 tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk :-

*“(1) L-eċċezzjoni ta’ nullità tal-atti ġudizzjarji tista’ tingħata -*

*(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti ;*

*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta’ nullità, kemm –il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort’oħra ħlief billi l-att jiġi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi :*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista’ tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta’ nullità ta’ att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.*

Fl-eccezzjoni tieghu, il-konvenut ma specifikax fejn kienet tinsab *in- nullita` tal-procedura odjerna”.*

Mhuwiex ir-rwol tal-Qorti li tispekula. Il-Qorti hija obbligata li taghti decizjoni abbazi tal-provi u skond il-ligi. F`eccezzjoni ta` din ix-xorta, l-oneru tal-prova tan-*nullita` tal-procedura odjerna* kien jispetta lill-konvenut.

L-unika prova oggettiva li ghandha l-Qorti huma l-atti tal-kawza sal-lum. Abbazi ta` dawn l-atti, ma ssib xejn li jikkozza mar-rekwiziti tal-Art 789 tal-Kap 12.

**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Bit-tielet eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa l-*invalidita` u konsegwenti nullita` tan-notifika tal-procedura odjerna.*

Kif isiru n-notifiki, huwa regolat bl-**<u>Art 187 tal-Kap 12</u>**.

Anke fil-kaz ta` din it-tieni eccezzjoni, il-konvenut baqa` ma specifikax fejn kienet tinsab l-*invalidita` u konsegwenti nullita` tan-**<u>notifika</u>** tal-procedura odjerna* (sottolinear u enfasi tal-qorti).

Abbazi tal-atti akkwiziti, jirrizulta hekk :-

1) Ghall-fini ta` notifika tar-rikors guramentat bil-procedura sommarja specjali, l-attur indika bhala indirizz tal-konvenut il-fond *Deluxe Properties, Triq Achille Ferris, Msida.*

2) Bhala fatt il-konvenut kien notifikat fil-fond *Deluxe Properties, Triq Achille Ferris, Msida* (ara fol 11).

3) Tant kien notifikat il-konvenut illi pprezenta n-nota skond l-Art 170(1) tal-Kap 12.

4) Fid-deposizzjoni tieghu tal-20 ta` Ottubru 2014 (fol 22 et seq) il-konvenut xehed illi huwa *sole shareholder* u direttur ta` Deluxe Properties Limited.

5) Jirrizulta li Deluxe Properties Limited thaddem in-negozju taghha minn fond sitwat go Achille Ferris Street, Msida (ara ritratt a fol 10).

6) Il-konvenut ikkonferma li dak huwa s-sit tan-negozju tal-kumpannija tieghu (ara fol 29) u kien hemm li saret in-notifika tieghu tal-atti ta` din il-kawza (ara fol 30).

Abbazi tal-provi akkwisti, u wara li rat l-Art 187 tal-Kap 12, din il-Qorti ma ssib ippruvata l-ebda *invalidita` u konsegwenti nullita` tan-notifika tal-procedura odjerna* kif eccepit mill-konvenut.

**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> anke it-tieni eccezzjoni**”.

(iii) Fis-sentenza tal-15 ta’ Settembru, 2015, l-ewwel Qorti ċaħdet ir-raba’ eċċezzjoni tal-konvenut, rigward il-preskrizzjoni tat-talbiet attriċi skont l-

Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fuq il-bażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**III.** **<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"<u>Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe</u>"** kien ritenut illi –

> *"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**<u>Holland noe vs Chetcuti</u>**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**<u>Vella vs Cefai</u>**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**<u>Portelli vs</u> <u>Psaila</u>" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Causon noe vs</u> <u>Sheibani</u>**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**<u>Camilleri vs Frendo</u>**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**<u>Borg vs Testaferrata Bonici</u>**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**<u>Causon vs Sheibani noe</u>**" il-Qorti qalet –

> "*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**<u>Calleja vs Vella</u>**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**<u>"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar</u> <u>Company Limited"</u>** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"<u>Ellul noe vs Vella noe</u>"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**<u>L-Art.2137 tal-Kap.16</u>** jaqra hekk –

> *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss".*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament.

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione* Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

> *"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere."*

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

> *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"*

Fil-kaz tal-lum, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni skond l-**Art 2148(b) tal-Kap.16** li jaqra hekk –

> *"l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut ... jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar".*

Huwa evidenti li din il-preskrizzjoni tghodd **biss** ghall-kazi ta' krediti wara bejgh ta` oggetti *bl-imnut.* Fil-bejgh *bl-imnut* huma nkluzi dawk il-persuni kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta` konsum ta` kuljum kemm lil min hu kummercjant kif ukoll lil min mhuwiex (**Vol.XLV.III.813**). Dan ifisser li fil-kaz tal-Art 2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari per se, mhux lejn il-kwalita` tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe` jekk humiex abitwalment fil-kummerc jew le (**Vol.XLVIII.II.959**).

Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (**Vol.XXIII.I.909**) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita` apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (**"Borg vs Bonello et noe et"** – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra, il-bejjiegh bl-imnut *vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro* (**Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 ; "Micallef pro et noe vs Mercieca"** – Appell – 26 ta` Mejju 1967 **; u "Grech vs Spiteri et"** – Appell – 25 ta' Mejju 2001).

**Fil-kaz tal-lum, l-attur qieghed jirreklama minghand il-konvenut il-hlas ta` l-bilanc tal-prezz tal-bejgh ta` dghajsa. Kompriz fil-prezz kien hemm il-mutur taghha u l-karru (ara Dok AF2 a fol 105). In-natura tal-bejgh in kwistjoni tinkwadra ruhha fl-ambitu ta` l-Art 2148(b) ghalkemm fil-mertu l-konvenut jikkontesta li qatt xtara l-oggetti in kwistjoni. Ghalhekk li trid**

**tara l-Qorti huwa jekk abbazi tal-provi akkwisti tirrizultax il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici bid-dekors ta` 18-il xahar mid-data tal-bejgh.**

Anke in vista tal-mertu tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif dedotta, il-Qorti trid titlaq mill-premessa li kien hemm bejgh. L-ahjar prova tal-bejgh ghall-fini tal-istess eccezzjoni huwa d-Dok AF2 a fol 105. Id-dokument igib id-data tat-**28 ta` Awissu 2012**.

**Ghal din il-Qorti, it-28 ta` Awissu 2012 hija l-ahjar prova tad-data tal-bejgh.**

L-Art 2148(b) tal-Kap 16 jitkellem dwar perijodu ta` preskrizzjoni ta` 18-il xahar.

Fir-rikors guramentat, l-attur ighid li pprezenta ittra ufficjali kontra l-konvenut fil-11 ta` Dicembru 2013. Pero` baqa` ma pprezentax kopja legali tal-att. Tenut kont tal-fatt illi fix-xiehda tieghu, il-konvenut cahad li qatt kien notifikat b`ittra ufficjali tal-attur, din il-Qorti m`ghandhiex prova konklussiva li dak l-att gudizzjarju kiser il-preskrizzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Fir-rikors guramentat, l-attur ighid li pprezenta mandat ta` sekwestru kontra l-konvenut fl-4 ta` Frar 2014. Pero` baqa` ma pprezentax kopja legali tal-att. Ghalkemm skond Dok A a fol 4 jirrizulta li kien prezentat Mandat ta` Sekwestru Nru 193/14 fl-ismijiet “Charles Schembri (702556M) vs Victor Vella (20386G)” u li Transport Malta kienet notifikata bhala sekwestratarja, il-Qorti m`ghandhiex prova li l-konvenut kien ukoll notifikat bil-Mandat. Ghalhekk anke fil-kaz tal-Mandat ta` Sekwestru, din il-Qorti m`ghandhiex prova konklussiva li dak l-att gudizzjarju kiser il-preskrizzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Il-Qorti kkostatat li l-konvenut baqa` ma accettax li kien debitur tal-attur.

Il-Qorti kkostatat ukoll li ma kienx hemm prova konklussiva ta` notifika ta` att gudizzjarju li jikser il-preskrizzjoni.

Dan premess, il-Qorti tirrileva li l-ligi taghmel distinzjoni bejn l-**att rinnovattiv** tal-azzjoni (bhal ma hi l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-**att esekuttiv** taghha (bhal ma huwa r-rikors guramentat gia` c-citazzjoni).

L-Art 2130 tal-Kap 16 mhuwiex applikabbli ghar-rikors guramentat, billi dak l-att huwa *talba gudizzjarja* skond l-Art 2131 u 2132 tal-Kap 16.

**Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-azzjoni attrici kienet prezentata fl-14 ta` Frar 2014 u allura entro t-18-il xahar mid-data tal-bejgh.**

**Ghalhekk, kien meta kien notifikat il-konvenut bir-rikors guramentat, il-preskrizzjoni tat-18-il xahar skond l-Art 2148(b) tal-Kap 16 kienet interrotta b`effett tat-talba gudizzjali tal-attur li saret bil-presentata tar-rikors guramentat.**

Il-Qorti tirrileva illi l-Art 2130 tal-Kap 16 japplika **biss** fejn si tratta ta' ittra ufficjali jew xi att gudizzjarju iehor skond l-Art 2128 tal-Kap 16 Civili li bih il-kreditur juri li behsiebu jzomm firm id-dritt ta` azzjoni tieghu kontra d-debitur.

**Mal-presentata tar-rikors guramentat, issehh interruzzjoni tal-preskrizzjoni - indipendentement min-notifika tal-istess. Din hija l-interpretazzjoni korretta skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna. (ara :** "**Joseph Bonello vs Vincent Bonello**" – PA/CS - 22 ta` April 1983 ; "**John Cassar vs Paolina Zahra**" – PA/CS - 27 ta` Gunju 1983 ; "**Dr. Edward Woods noe vs David Jones et noe**" – K/CS - 28 ta` Marzu 1988, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Marzu 1995 (Vol. LXXIX.II.843) ; "**Paulina Sghendo vs Rita Muscat et**" – PA/JSP - 3 ta` Ottubru 1991 ; "**Briffa vs Debono**" - Qorti tal-Appell - 7 ta` Lulju 1992 ; "**Alfred Gatt noe vs David Jones et noe**" - Qorti tal-Kummerc - 9 ta` Gunju 1994 ; "**Elmo Insurance Services Limited noe et vs Peter Borg**" – PA/NA - 20 ta` April 1999 ; "**Joseph Farrugia vs Joseph Urpani**" – PA/GCD - 30 ta` April 1999 ; u "**R. von Brockdorff Insurance Agency Limited noe et vs John Ellul**" – PA/NA - 5 ta` Ottubru 1999).

(iv) Filwaqt li s-sentenza fil-mertu tat-30 ta' Marzu, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu u laqgħet it-tieni talba tal-attur, u kkundannat lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €33,500 bl-imgħax legali b'effett mis-27 ta' Marzu, 2014, sad-data tal-pagament effettiv, wara li l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**III. Konsiderazzjonijiet**

**Fl-isfond tat-talba li ghamel l-attur fil-kawza tal-lum, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat llum fil-kawza fl-ismijiet inversi - Rik. Gur. Nru. 1198/15 JZM - u konnessa ma` din tal-lum.**

**Fil-kawza l-ohra, il-Qorti tat decizjoni favur l-attur fil-kawza tal-lum.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel taghha ghall-fini ta` l-kawza tal-lum r-*ratio decidendi* ta` s-sentenza ta` dik il-kawza.**

Dan premess, jidher illi ghall-fini tal-kawza tal-lum, il-partijiet lanqas ma jaqblu dwar l-ammont li l-attur ghandu jircievi.

Hemm qbil li l-valur tad-dghajsa kien ta` EUR 42,000 (ara l-iskrittura ezebita fl-original taghha a fol 105 tal-process).

Jirrizulta wkoll li l-konvenut kellu dghajsa ohra li kienet bil-hsara u li l-attur accetta li jsewwi u li jbiegh lil terzi. Hemm qbil li r-rikavat tal-bejgh ta` din id-dghajsa hadu l-attur.

Infatti l-attur in kontroezami xehed illi l-valur ta` l-ewwel dghajsa kellu jonqos mill-prezz tad-dghajsa l-gdida - skont dak li kellu jsir fit-trasferiment tal-immobbli bejn il-partijiet.

Madanakollu ma hemmx qbil dwar l-ammont li kellu jitnaqqas.

L-attur isostni li l-ammont huwa EUR 8,500 ; u ressaq xi notamenti li kien ghamel fejn a fol 288 tal-process, fejn jidher illi d-dghajsa l-ohra kienet tiswa EUR 8,500. Fid-dokument kienu ndikati l-ispejjez li saru sabiex tissewwa d-dghajsa kif ukoll kemm sewa l-akkwist, sabiex wasal ghal total ta` spejjez fis-somma ta` EUR 11904 : u cioe` EUR 3404 spejjez tat-tiswija ; u EUR 8,500 bhala spejjez tal-akkwist.

Min-naha tieghu, il-konvenut ma ressaqx provi sostenibbli dwar kemm kien il-prezz ta` l-bejgh tal-Bayliner Capri.

Tajjeb jinghad illi f`email li kien esebit a fol 7 fl-atti tal-kawza Rik. Gur. Nru. 1198/2015 JZM, jinghad illi l-valur miftiehem tal-bejgh tal-Bayliner kien ta` EUR 9,000. Fil-premessi ta` dik il-kawza, il-konvenut ikkonferma li l-prezz miftiehem ghal dik id-dghajsa kien ta` EUR 9,500. Waqt is-smigh tal-kawza, huwa sostna li meta ghamel referenza ghas-somma ta` EUR 9,000, huwa kien ha zball ghax kien ixxukjat bil-fatt li l-attur ma kienx ser ikompli bix-xiri tal-proprjeta` immobbli.

Tenut kont tal-assjem, il-Qorti mhijiex konvinta li dak tal-konvenut kien semplici zball.

Jekk tqis il-kontenut ta` l-email, ma jidhirx li l-konvenut kien tant ixxukkjat. Infatti wiegeb kjarament fis-sens illi kien lest jaghti lura d-dghajsa Saver 650, ippretenda li jiehu lura d-dghajsa Bayliner Capri jew alternattivament is-somma ta` EUR 9,000, kif ukoll ghamilha cara li l-attur kellu jsofri deprezzament fil-valur tad-dghajsa Saver 650.
Ghal din il-Qorti, l-attur gab `il quddiem provi sodisfacjenti li juru li l-valur miftiehem dwar il-Bayliner Capri kien ta` EUR 8,500.

Ghalhekk mill-ammont ta` EUR 42,000, ghandha tonqos is-somma ta` EUR 8,500 sabiex b`hekk l-ammont dovut lill-attur ikun ta` EUR 33,500.

Jifdal il-kwistjoni ta` l-imghax.

L-attur qed jitlob il-hlas tal-imghax b`effett mit-28 ta` Awissu 2012, ossija mid-data li fiha kienet iffirmata l-iskrittura a fol 105 tal-process.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tat-28 ta` Jannar 2016 fil-kawza "**Safe Trading Company Ltd vs France Bonavia**" fejn ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-

*Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et"**. Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*

*Inghad hekk :-*

*"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom **"Noel Ellul vs James Gollcher"** tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*

*Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*

*Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :*

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammontreklamat jibda jattratta l-interessi (**"O`Connor – vs- Bruno Olivier"** a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza* ***"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe".*** *Hemm inghad illi l- mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru limghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :-*

*" … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("****O`Connor –vs- Bruno Olivier"****, Vol XVI pl p84)."*

Fil-kaz tal-lum, it-talba tal-attur kienet cara fis-sens li l-ammont reklamat kien EUR 33,500.

L-attur ghamel referenza ghal ittra legali datata 25 ta` Novembru 2013 u ghal ittra ufficjali datata 11 ta` Dicembru 2013 izda dawn baqghu ma gewx esebiti sabiex il-Qorti tkun taf l-ammont li kien qed jigi pretiz.

Fir-rikors guramentat saret referenza ghall-mandat ta` sekwestru datat 4 ta` Frar 2014 izda fil-mandat li kien esebit a fol 260 u 261 tal-process, tissemma s-somma ta` EUR 42,000.

Il-Qorti tqis illi l-imghax m`ghandux jiddekorri kif mitlub mill-attur, izda mid-data tan-notifika ta` r-rikors guramentat, u cioe` mis-27 ta` Marzu 2014, fl-assenza ta` prova dwar il-kontenut tal-ittra ufficjali fuq riferita.

Din il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-imghax ghandu jiskatta kif mitlub mill-attur ghar-raguni li rrizulta li wara li sar il-bejgh, kienu ghadhom ghaddejjin negozjati u diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar il-possibilita` ta` bejgh u xiri ta` proprjeta` immobbli sakemm imbaghad fix-xahar ta` Novembru 2013 in-negozju ta` bejgh u xiri ta` proprjeta` immobbli ma rnexxiex (ara x-xiehda tal-attur a fol 171, u l-email a fol 7 tal-arocess tal-kawza Rik. Gur. Nru. 1198/2015 JZM)".

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Victor Joseph Vella, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru, 2014, dik tas-26 ta' Frar, 2015, tal-15 ta' Settembru, 2015 u dik ta' nhar it-30 ta' Marzu, 2017, fl-ismijiet premessi u dan billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu, il-konvenut appellant f'din il-kawża

u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appellat u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-attur Charles Schembri, li permezz tagħha wieġeb li l-appell imressaq mill-appellant għandu jiġi miċħud u s-sentenzi appellati kkonfermati fis-sħiħ, bl-ispejjeż ta' din l-istanza jibqghu wkoll a karigu tal-istess appellant.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż l-atti tal-kawża 1198/2015, fil-kawża fl-ismijiet inversi, li qiegħda tiġi deċiża wkoll illum;

Ikkonsidrat:

9. Filwaqt li l-attur jippremetti li l-partijiet kienu għaddejjin f'negozjati bejniethom sabiex fuq naħa huwa jittrasferixxi dgħajsa, inkluż mutur u karru favur il-konvenut, mentri l-istess konvenut kellu jittrasferixxi proprjeta` mmobbli, li parti mill-prezz tagħha kellu jitħallas permezz tal-imsemmija dgħajsa. In-negozju ta' tpartit ma ġiex fis-seħħ peress li l-partijiet ma waslux fi qbil dwar it-trasferiment ta' proprjeta`, iżda jsostni li huma ftehmu fuq it-trasferiment tad-dgħajsa għall-prezz ta' €42,000, tant li seħħ it-trasferiment u konsenja tad-dgħajsa versu l-prezz pattwit. Jingħad li d-dgħajsa ġiet debitament reġistrata

mill-Awtorita` kompetenti f'isem il-konvenut, iżda mill-ammont pattwit l-attur irċieva biss €8,500 (bħala ħlas ta' dgħajsa oħra) u jonqos li jitħallas il-bilanċ ta' €33,500. Għalhekk saret din il-kawża sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' €33,500, bl-imgħax legali u bl-ispejjeż.

10. Il-konvenut ressaq diversi eċċezzjonijiet fosthom dawk preliminari dwar (i) il-*privilegium fori;* (ii) in-nullita` tal-proċedura odjerna; (iii) l-invalidita` u konsegwenti nullita` tan-notifika tal-proċedura odjerna; u (iv) l-preskrizzjoni. Filwaqt li fil-mertu (v) l-konvenut jgħid li m'għandu jagħti xejn; (vi) li l-attur huwa debitur tiegħu fis-somma ta' €9,500 rappreżentanti bejgħ ta' dgħajsa oħra; (vii) li huwa qatt ma ġie interpellat qabel il-proċedura odjerna u għalhekk m'għandux iwieġeb għall-ispejjeż; (viii) kien l-istess attur li ppropona ftehim li jħallas proprjeta` mmobbli li kien ser jixtri mingħandu in parti permezz tad-dgħajsa u huwa aċċetta sabiex ma jitlifx in-negozju; (ix) kien l-attur li reġa' bdielu dwar dan in-negozju; (x) l-attur ma jridx jonora l-obbligi tiegħu fuq l-imsemmi xiri u għandu jbati l-konsegwenzi nkluż li jitlef id-depożitu mħallas minnu; (xi) l-attur huwa responsabbli u għandu jħallas id-danni u l-ispejjeż li l-konvenut kellu jħallas peress li l-attur m'onorax l-obbligu tiegħu li jixtri l-imsemmija proprjeta`.

11. L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut permezz tas-sentenzi tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2014, tas-26 ta' Frar, 2015, u tal-15 ta' Settembru, 2015, filwaqt li ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu permezz tas-sentenza tagħha tat-30 ta' Marzu, 2017, fejn laqgħet it-tieni talba attriċi u

kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' €33,500, bl-imgħax mis-27 ta' Marzu, 2014, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.

12. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenzi tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona appell minnhom ilkoll. L-appell tal-konvenut f'dan il-każ jissejjes fuq tmien aggravji:

(I) B'referenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-appellant ma jaqbilx li l-kawża tikkonċerna obbligu li skont il-ftehim bejn il-partijiet kellu jiġi adempit f'Malta, peress li huwa jikkontendi li l-partijiet qatt ma ftehmu li huwa kellu jagħmel xi tip ta' ħlas, imma jekk kif qiegħed isostni l-attur huwa assuma obbligu ta' ħlas, allura tali obbligu mhuwiex marbut ma' lokalita` partikolari. L-appellant jisħaq li l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex intiż li jiġi nterpretat kif għamlet l-ewwel Qorti;

(II) In relazzjoni mat-tieni eċċezzjoni, l-appellant isostni li din kellha tinftiehem u tiġi applikata in konnessjoni mal-ewwel eċċezzjoni u dan fis-sens li l-kawża kellha tiġi dikjarata nulla in kwantu ntavolata fil-Qorti żbaljata u għaldaqstant torbot ma' dak li ngħad fl-ewwel eċċezzjoni;

(III) Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tiegħu, l-appellant jissottometti li la ġie notifikat fir-residenza tiegħu u lanqas fuq il-post tax-xogħol tiegħu u ma tressqet l-ebda prova li tikkontradiċi x-xhieda tiegħu;

(IV) Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, din hija relevanti in konnessjoni mal-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji u dan billi jekk jirriżulta li kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala l-Qorti kompetenti, allura r-rikors ġuramentat huwa null u kwindi għalkemm effikaċi sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni, mhux effikaċi li jżomm tali preskrizzjoni sospiża u f'dak il-każ billi r-rikors ġuramentat ġie notifikat aktar minn xahar wara l-preżentata tiegħu, l-att kien tardiv sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni;

(V) L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti qieset żewġ alternattivi, jew li kien hemm ftehim ta' permuta, jew li kien hemm żewġ kuntratti separati u distinti ta' bejgħ, li wieħed minnhom ma kienx jiswa, filwaqt li l-ieħor kien jiswa. Iżda jsostni li t-tieni subinċiż tal-Artikolu 1352 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprospetta t-tielet possibilita`, dik li jkollok ftehim ta' bejgħ ta' oġġett prinċipali versu prezz determinat, illi parti mill-ħlas tiegħu jitħallas *in natura*. Jisħaq li f'dan ix-xenarju, in-negozju ta' bejn il-partijiet ikun wieħed u ladarba l-elementi essenzjali qatt ma ġew formalizzati kif trid il-liġi, huwa l-ftehim sħiħ, bit-trasferiment tad-dgħajsa b'kollox li jrid jitqies bħala nvalidu fil-liġi. L-appellant jikkontendi li dan il-ftehim ma kienx wieħed klassiku ta' tpartit, iżda kien aktar wieħed ta' *part-exchange* fejn għandek ix-xerrej illi joffri li

jħallas parti żgħira mill-prezz *in natura*, biex ikun jista' jasal viċin tal-prezz mitlub mill-bejjiegħ tal-oġġett prinċipali. Kwindi jsostni li t-tpartit li kellhom f'moħħhom il-partijiet legalment ma jammontax għal permuta u lanqas għal żewġ kuntratti ta' bejgħ separati, iżda għal negozju ta' bejgħ wieħed, fejn id-dgħajsa ngħatat bħala ħlas *in natura* akkont tal-prezz, kif dikjarat fl-iskrittura ta' trasferiment u dan kif maħsub fl-Artikolu 1352(2) tal-Kodiċi Ċivili, b'mod li n-nullita` tal-bejgħ prinċipali, kellha ġġib magħha r-rexxissjoni tat-trasferiment li kien anċillari għal dak prinċipali.

(VI) Isostni illi anke jekk wieħed kellu jqis iż-żewġ negozji bħala indipendenti minn xulxin, id-diċitura tad-dokument AF2 timplika li l-partijiet ftehmu li jassoġġettaw it-trasferiment tad-dgħajsa "Saver 650" għall-konklużjoni pożittiva tan-negozju prinċipali ta' bejniethom, dak tal-immobbli u dan billi tali diċitura taffettwa s-sustanza ta' dak li ftehmu l-partijiet u mhux sempliċement l-isem li bih kienu qed jirreferu għall-ftehim li seħħ bejniethom.

(VII) Illi għalkemm l-appellant jaqbel interament mal-ġurisprudenza kollha ċitata mill-ewwel Qorti, huwa jħoss li din għandha tiġi applikata favur tiegħu. Jingħad li l-ewwel Qorti ċċitat estensivament minn tliet sentenzi partikolari senjatament: **Domestica Limited v. Grands Properties Limited,** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Novembru, 2011; **E. Grech Cristal Bath Limited v. Grezzju Patiniott** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Marzu, 2003 u **Anthony Zammit v. Joseph Micallef et** deċiża mill-Qorti

tal-Maġistrati fis-6 ta' Ġunju, 2012. Iżda jingħad li huwa dan l-aħħar każ li jqarreb l-aktar għall-każ odjern.

(VIII) L-appellant ma jistax lanqas jaqbel mal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li huwa "*lanqas biss ipproċeda sabiex jiddepożita d-dgħajsa taħt l-awtorita` tal-Qorti meta nduna li l-ftehim dwar il-bejgħ ta' proprjeta` a favur tal-konvenut ma kienx qed jimmaterjalizza*"; u dan għaliex tali konsiderazzjoni ma tieħux qies tal-qosor taż-żmien li għadda mit-tħassir tan-negozju, sakemm id-dgħajsa ġiet maqbuda mill-kontroparti, tal-fatt illi d-dgħajsa kienet iggaraxxjata għax-xitwa u ma kinitx qiegħda tintuża u tal-fatt li kienet diġa` taħt l-awtorita` tal-Qorti meta huwa talab ir-rexxissjoni tal-bejgħ (permezz tal-kawża 1198/2015). Dan meta l-kontroparti għarrfitu li ma kienx aktar bil-ħsieb li jixtri, huwa nfurmah li ma kellux problema li jirritornalu d-dgħajsa, sakemm isir ftehim ukoll fuq id-dgħajsa li kellu qabel. Minkejja li għamel diversi tentattivi li jikkomunika mal-kontroparti, kien kollu ta' xejn u għalkemm il-kontroparti tgħid li nterpellatu uffiċjalment, huwa qatt ma ġie notifikat, sakemm tfaċċa l-marixxal tal-Qorti sabiex jeżegwixxi l-mandat ta' qbid fuq id-dgħajsa, li effettivament għaddiet f'idejn konsenjatarju. Kwindi kienet kemmxejn ħarxa l-ewwel Qorti fil-konfront tiegħu.

13. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-konvenut appellant fejn jikkontesta l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti lill-Artikolu 770 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

(Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Għalkemm huwa minnu li l-liġi (Artikolu 767) tagħti l-jedd proċedurali tal-*privilegium fori* fejn tagħmilha ċara li persuna li tkun toqgħod Għawdex għandha tiġi msejħa twieġeb bħala konvenut, quddiem il-Qorti tal-gżira fejn tkun toqgħod (u similment f'każ ta' persuna li toqgħod Malta tissejjaħ bħala konvenut quddiem il-Qorti ta' Malta), kif osservat mill-ewwel Qorti, jeżistu wkoll eċċezzjonijiet għal din ir-regola. Fost dawn l-eċċezzjonijiet, hemm dik kontemplata fl-Artikolu 770, fejn l-obbligazzjoni li dwarha hija l-kawża, skont il-ftehim, għandha tiġi eżegwita fi gżira partikolari. Tajjeb jiġi osservat li l-bejgħ tad-dgħajsa li għaliha l-attur qiegħed ifittex il-ħlas f'din il-kawża, sar fl-isfond ta' negozjati fejn bi tpartit, il-konvenut appellant kellu jittrasferixxi proprjeta` favur l-attur appellat, li tinsab f'B'Kara. Huwa minnu li jirriżulta ppruvat li l-konvenut appellant joqgħod Għawdex. Iżda, kif ingħad mill-ewwel Qorti, in-negozjati bejn il-partijiet, saru kollha f'Malta. Għalkemm huwa minnu li oriġinarjament il-modalita` tal-ħlas intiz kien li d-dgħajsa sservi bħala akkont għall-ħlas marbuta mal-bejgħ ta' proprjeta` f'Malta, li l-partijiet kienu qegħdin jinnegozjaw, jibqa' l-fatt li dan in-negozju ta' bejgħ ta' mmobbli ma seħħx. Kwindi sa fejn it-talba attriċi, hija waħda limitata għall-ħlas tad-dgħajsa, jekk wieħed japplika r-regoli tal-liġi dwar il-ħlas, ikollu jasal għall-konklużjoni li fit-termini tal-azzjoni attriċi, il-post fejn kellha titwettaq dik l-obbligazzjoni kien Malta. Dan jingħad peress li l-Artikolu 1159 (2) tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li jekk fil-kuntratt ma jkun ġie miftiehem ebda lok, u l-ħaga li għandha tingħata hija żgura u determinata, il-ħlas għandu jsir fil-lok fejn fiż-żmien tal-kuntratt kienet tinsab il-ħaġa li hija l-oġġett tal-ħlas. M'hemmx dubju li l-bejgħ tad-dgħajsa in

kwistjoni jittratta oġġett żgur u determinat u li fil-mument li seħħ il-bejgħ tagħha fit-28 ta' Awwissu, 2012, id-dgħajsa kienet tinsab Malta. Għalhekk għamlet sew l-ewwel Qorti meta b'referenza għall-Artikolu 770 tal-Kap. 12, ċaħdet din l-ewwel eċċezzjoni u s-sentenza tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2014, f'dan is-sens timmerita li tiġi kkonfermata.

14. Isegwi li t-tieni aggravju li jittratta t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut appellant dwar in-nullita` tal-proċeduri odjerni, in kwantu marbuta mal-ewwel eċċezzjoni tal-*privilegium fori,* ukoll għandu jaqa'. Ġaladarba qiegħed jiġi kkonfermat li l-azzjoni attriċi ma saritx quddiem il-Qorti żbaljata, kif jippretendi l-appellant, iżda saret quddiem il-Qorti kompetenti, għalhekk dan l-aggravju ma jreġix.

15. Imiss li jiġi trattat it-tielet aggravju, dak fejn l-appellant jattakka s-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti tas-26 ta' Frar, 2015, fejn jisħaq fuq it-tielet eċċezzjoni tiegħu, dik tal-invalidita` u konsegwenti nullita` tan-notifika tal-proċedura odjerna, konsidrat li huwa la ġie notifikat fir-residenza tiegħu u lanqas fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Jikkritika lill-ewwel Qorti li aċċettat in-notifika li saret lilu fl-indirizz ta' "Deluxe Properties Ltd.", li tagħha huwa azzjonist u direttur, peress li sar jaf bil-proċeduri odjerni tant li kkonstestahom. Mentri jsostni li kontestazzjoni mhix aċċettazzjoni tan-notifika.

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju tal-appellant huwa aktarx fieragħ, konsidrat li l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li n-notifika ssir bil-kunsinna ta'

kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, **kull fejn dik il-persuna tista' tinstab**. Huwa minnu li fl-imsemmi provvediment tal-liġi jingħad ukoll li n-notifika tista' ssir ukoll billi l-kopja titħalla fil-post fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol. Iżda din tibqa' għażla u mhux ħtieġa mandatorja, peress li r-regola tibqa' li persuna għandha tiġi notifikata kull fejn tista' tinstab. Għaldaqstant kuntrarjament għal dak li qed jissottometti l-appellant mhux meħtieġ għall-validita` tan-notifika li din tiġi eżegwita fir-residenza tiegħu, jew fuq il-post tax-xogħol, kif donnu qed jippretendi f'dan l-aggravju tiegħu. Dan peress li l-liġi stess tipprovdi li minbarra li n-notifika ta' persuna tista' ssir kemm fid-dar residenzjali, kemm fil-post fejn taħdem jew fil-post tax-xogħol tagħha, tikkontempla espressament li persuna tista' tiġi notifikata kull fejn tinstab.

17. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Bezzina et v. L-Avukat Dr. Emanuel Bezzina:**

> *"Illi l-intimat qed jilmenta mill-fatt li n-notifika saritlu fi Strada Stretta, fid-9:30am, nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2009, u dan peress li, skont hu, "f'nofs Strada Stretta m'huwiex il-lok li tiddetermina l-ligi ta' fejn ghandhom isiru notifiki lill-persuni li jkollhom jigu notifikati".*
>
> *Din il-Qorti tqis dan l-argument frivolu u vessatorju, peress li l-ligi hi cara li tippermetti li n-notifiki jsiru kull fejn il-persuna li trid tigi notifikata tinstab. Din il-Qorti fil-kawza Pace v. Makaw Ltd, deciza fis-6 ta' April 2006, qalet dan b'mod car. Gie osservat illi:*
>
>> *"Ghandu jinghad qabel xejn li ghal fini tan-notifika ta' att tal-Qorti lill-persuna fizika huwa assolutament immaterjali u ta' ebda relevanza fejn tkun ir-residenza ufficjali ta' dak li jkun. Infatti n-notifika ta' att ufficjali tista' issir f'idejn l-parti interessata f'kull lok fejn dan talvolta jkun jinstab, u r-residenza ufficjali ghandha biss relevanza inkwantu l-ufficjal inkarigat bin-notifika jista' jhalli l-att f'idejn membru tal-familja tal-istess persuna li ghandha tircievi l-istess att, li mhux il-kaz sottoezami."*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, it-tielet aggravju tal-appellant ma jreġix ukoll peress li kif osservat mill-ewwel Qorti, bħala fatt il-konvenut kien notifikat tant, li ppreżenta n-nota skont l-Artikolu 170(2) tal-Kap. 12. Isegwi li dan l-aggravju ma jimmeritax li jiġi milqugħ u għalhekk is-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti tas-26 ta' Frar, 2015, ukoll timmerita li tiġi kkonfermata.

18. Fir-rigward tar-raba' aggravju, għal darb'oħra l-konvenut appellant jorbot l-aggravju tiegħu mal-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravji u dan billi jsostni li jekk jirriżulta li kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala l-Qorti kompetenti, allura r-rikors ġuramentat huwa null u kwindi għalkemm effikaċi sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni, mhux effikaċi li jżomm tali preskrizzjoni sospiża u f'dak il-każ, billi r-rikors ġuramentat ġie notifikat aktar minn xahar wara l-preżentata tiegħu, l-att kien tardiv sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni. Ġaladarba l-ewwel tliet aggravji tal-konvenut appellant qegħdin jiġu miċħuda u l-appellant ma jattakka bl-ebda mod id-deċiżjoni li biha l-ewwel Qorti ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-konvenut tal-preskrizzjoni, isegwi li dan l-aggravju jirriżulta wkoll bla bażi. Għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni l-għala din il-Qorti għandha tiddeċiedi mod ieħor, minn dak deċiż mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Settembru, 2015.

19. Imiss li jiġu trattati l-aggravji li bihom il-konvenut appellant jattakka s-sentenza fil-mertu tagħha, dik tat-30 ta' Marzu, 2017, li fil-verita` jirriflettu l-

aggravji fil-kawża 1198/2015, peress li s-sentenza appellata għamlet referenza għar-*ratio decidendi* f'dik il-kawża. Minkejja li l-konvenut appellant jipprova jagħti bixra differenti lill-argument tiegħu, jibqa' l-fatt li, kif spjegat dettaljament mill-ewwel Qorti, ġaladarba l-ftehim relattiv għall-wegħda ta' trasferiment tal-immobbli ma ssarrafx fi skrittura, kif meħtieġ *ad validatem* skont il-liġi, il-possibilita` li dak it-trasferiment ta' mmobbli jiġi fis-seħħ ġie fix-xejn, peress li huwa wieħed null. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1998 (Kollez. Vol. LXXXII.II.913), fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldacchino et noe v. Carmelo *sive* Charlie Camilleri et:**

> *"L-elementi essenzjali tal-kuntratt ta' wegħda ta' trasferiment, kellhom però jirriżultaw b'mod inekwivoku, b'mod li tista' tiġi assigurata l-volontà tal-kontraenti fil-mument meta d-dokument ikun ġie redatt u ffirmat. Hu sewwa li jiġu evitati l-formaliżmi żejda u li wieħed imur direttament għas-sustanza tal-kuntratt li suppost ġie perfett. Però dik is-sustanza trid tirriżulta b'mod ċar mill-iskrittura għaliex il-liġi tesiġi l-kitba mhux sempliċement bħala ndikazzjoni tal-volontà tal-kontraenti u tal-ftehim u tesiġi r-reġistrazzjoni materjali tagħha bil-kitba proprju biex, kemm jista' jkun, tevita li jkun hemm lok għal inċertezza u dubbju dwar dak li jkun ġie miftiehem u konsegwentement il-bżonn ta' interpretazzjoni bbażata fuq provi li ma jirriżultawx mill-kitba. Kif ingħad, fil-każ taħt eżami, si tratta ta' nuqqasijiet ta' elementi essenzjali ta' ftehim u mhux ta' xi dettal sekondarju jew anċillari li seta' jiġi ppruvat mod ieħor. Fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jingħad li l-iskrittura li fuqha l-atturi nomine qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom, fiha nuqqasijiet ta' sustanza dwar elementi essenzjali li kienu neċessarji biex l-azzjoni attriċi tirnexxi."*

Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm mill-iskrittura tat-28 ta' Awwissu, 2012, esebita in atti bħala Dok. AF2 (a fol. 105 tal-proċess) jirriżulta li t-trasferiment tad-dgħajsa "Saver 650" kien qiegħed isir bħala "*part payment on property being bought by Charles Schembri",* li timplika trasferiment ta' beni mmobbli, iżda kif donnu jaċċetta l-istess appellant, ladarba dan il-ftehim ma ssarrafx f'wegħda ta' bejgħ kif trid il-liġi fejn jiġu speċifikati bil-miktub (Artikolu

1233(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili) l-elementi essenzjali bħalma huma li tiġi identifikata l-proprjeta`, il-prezz u l-wegħda ta' bejgħ u l-aċċettazzjoni tax-xerrej prospettiv (Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili), allura sa fejn il-ftehim jittratta l-immobbli huwa null.

20. Min-naħa l-oħra, l-istess ftehim jittratta l-bejgħ tad-dgħajsa: *"the sale of Saver 650 Hull Number ITSVRAB 423B212...including 200HPEVINRUDE ETEC Ser Number 05355614 and Trailer for the value of E42,000",* fejn ladarba sar ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, il-bejgħ huwa perfett (Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili). Isegwi li għall-kuntrarju tal-każ fejn kien jirrigwarda l-immobbli, it-trasferiment ta' mobbli, apparti li ma jinħtieġx xi formalita` *ad validatem,* il-kriterji applikabbli sabiex jagħmlu l-bejgħ perfett huma milħuqa permezz tal-iskrittura in eżami. Kwindi għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-appellant fil-ħames aggravju tiegħu, l-elementi essenzjali, fil-każ tat-trasferiment tad-dgħajsa ġew formalizzati kif trid il-liġi. Dan jingħad ukoll peress li skont l-Artikolu 1004 tal-Kodiċi Ċivili:

> *"1004. Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tiftiehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett."*

Għalkemm kif ingħad fis-sentenza **Baldacchino v. Camilleri** ċitata qabel, dan il-prinċipju ta' nterpretazzjoni ma japplikax fil-każ fejn il-kuntratt ikun fih element essenzjali li jkun nieqes, li allura jirrendih bla ebda effett fil-liġi, mhux l-istess fil-

każ fejn il-ftehim jista' jingħata effett, bħal dan il-każ li jittratta bejgħ ta' dgħajsa, fejn il-ftehim jinsab perfezzjonat.

21. Il-konvenut appellant iressaq ukoll argument ġdid fl-appell tiegħu, li l-każ odjern kien aktar wieħed ta' *part-exchange,* milli kuntratt ta' permuta jew ta' bejgħ u li allura n-negozju kien wieħed u malli sfaxxa l-bejgħ tal-immobbli kellu jisfaxxa wkoll il-bejgħ tad-dgħajsa. Mentri quddiem l-ewwel Qorti l-argument kien fis-sens li d-dgħajsa ngħatat lilu bħala akkont tal-prezz tal-immobbli. Iżda kif ingħad drabi oħra, mhux imħolli lill-parti tressaq fil-kontroversja argumenti ġodda jew "temi ġodda ta' investigazzjoni u ta' deċiżjoni" fl-istadju tal-appell (ara sentenza tal-15 ta' Jannar, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. v. Carmelo Bonnici** deċiża minn din il-Qorti (Sede Inferjuri). L-istess jista' jingħad sa fejn l-appellant isejjes l-argument tiegħu fuq l-Artikolu 1352(2) tal-Kodiċi Ċivili.

22. Fi kwalunkwe każ, l-argument ma jreġix peress li għalkemm jista' jkun li kif osservat mill-ewwel Qorti, oriġinarjament il-partijiet kellhom il-ħsieb li jseħħ tpartit ta' ħaġa mobbli ma' oħra mmobbli, iżda dan it-tip ta' negozju ma seħħx. Inoltre, ladarba kellu jkun hemm żieda ta' flus kif isostni l-appellant, dan kien każ ta' bejgħ u xiri, kif jipprovdi l-Artikolu 1352(2). Madankollu din il-Qorti taqbel ma' ta' qabilha li għamlet distinzjoni bejn iż-żewġ obbligazzjonijiet, peress li jirriżulta li filwaqt li l-attur wettaq l-obbligu tiegħu ta` bejgħ u konsenja tad-dgħajsa, min-naha tal-konvenut ma kienx f`pożizzjoni li jwettaq l-obbligu li

jittrasferixxi l-proprjeta`, kif oriġinarjament miftiehem. Dan mhux għaliex kien hemm xi *mala fede* da parti ta' xi ħadd mill-kontendenti fil-kawża, iżda minħabba l-kundizzjonijiet magħmula mill-MEPA sabiex ikun jista' jinħareġ permess tal-iżvilupp, il-konvenut kellu jibdel il-pjanti li fuqhom kien wettaq in-negozjati u għalhekk in-negozju relattiv għall-immobbli sfratta.

23. Din il-Qorti ma taqbilx lanqas mal-argument tal-appellant li n-negozju kien wieħed u li n-nullita` tal-bejgħ prinċipali, kellha ġġib magħha r-rexxissjoni tat-trasferiment anċillari. Kif spjegat qabel, f'paragrafi 19 u 20 ta' din is-sentenza, filwaqt li fil-każ tal-immobbli, il-ftehim verbali bejn il-kontendenti fil-kawża nkorra l-piena ta' nullita`, ladarba ma laħaqx l-elementi meħtieġa mil-liġi għall-wegħda ta' bejgħ u xiri ta' proprjeta`, fil-każ tal-mobbli, it-trasferiment tad-dgħajsa kien perfett u allura l-ewwel Qorti ġustament qisitu bħala negozju separat. Tant hu hekk, li kif ingħad minnha, il-konvenut irreġistra d-dgħajsa f'ismu u għamel madwar sena u nofs igawdi d-dgħajsa qabel ma sfratta għal kollox in-negozju tal-proprjeta`. Isegwi li l-ħames aggravju wkoll ma jreġix u ma jistax jiġi milqugħ.

24. Hekk ukoll, sa fejn fis-sitt aggravju, l-appellant jittanta jargumenta li anke jekk wieħed kellu jqis iż-żewġ negozji bħala indipendenti minn xulxin, id-diċitura tad-dokument AF2 timplika li l-partijiet ftehmu li jassoġġettaw it-trasferiment tad-dgħajsa "Saver 650" għall-konklużjoni pożittiva tan-negozju prinċipali ta' bejniethom dwar l-immobbli, ma jistax jirnexxi, peress li mill-imsemmija skrittura ma tirriżultax tali kundizzjoni u lanqas ikun ġust li tali kundizzjoni tiġi nferita. L-

aktar li jista' jingħad huwa li fejn jingħad li l-prezz ta' €42,000 kien ser ikun *"part payment on property being bought"* jittratta l-modalita` tal-ħlas li ma ġiex fis-seħħ, iżda kif osservat l-ewwel Qorti, dan ma jġibx fix-xejn il-bejgħ tad-dgħajsa. Għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jimmeritax li jintlaqa'.

25. In kwantu fis-seba' aggravju tiegħu, l-appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza ċitata mill-ewwel Qorti liema każijiet, ilkoll kienu jittrattaw qbil verbali għal tpartit ta' merkanzija ta' natura mobbli ma' proprjeta` immobbli u jittanta jgħid li l-każ odjern aktar iqarreb għal dak ta' **Zammit v. Micallef** milli għaż-żewġ sentenzi l-oħra, għandu jingħad li dan l-argument huwa wkoll bla bażi. Dan peress li f'dak il-każ, apparti li l-ftehim għat-trasferiment tal-immobbli tqies null u bla effett, peress li ma laħaqx il-kriterji meħtieġa mil-liġi, il-ftehim dwar it-trasferiment tal-vetturi wkoll tqies bla effett, peress li fl-istess ftehim ma kienx hemm referenza għal xi valur tal-vetturi. Kwindi f'dak il-każ lanqas irriżulta ftehim dwar il-prezz tal-mobbli u għalhekk tqies null kemm il-ftehim dwar it-trasferiment tal-immobbli, kif ukoll dak dwar il-mobbli, ġaladarba l-bejgħ tal-vetturi ma seta' qatt jitqies bħala wieħed perfett. Dan jikkuntrasta ferm mal-każ in eżami, peress li kif ingħad qabel, il-bejgħ tad-dgħajsa tqies bħala perfett skont il-liġi u għalhekk il-paragun fiż-żewġ każijiet ma jreġix, stante li f'dak il-każ, il-Qorti kellha bilfors tiddeċiedi li l-ftehim kien wieħed null fl-interita` tiegħu. Mhux l-istess jingħad f'din il-kawża. Għalhekk dan l-aggravju tal-appellant ser jiġi wkoll miċħud.

26. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-konvenut appellant, dak fejn jingħad minnu li l-ewwel Qorti kienet pjuttost ħarxa miegħu meta kkummentat li huwa lanqas ma ddepożita d-dgħajsa taħt l-awtorita` tal-Qorti, meta nduna li l-ftehim dwar il-bejgħ ta' proprjeta` favur l-attur appellat ma kienx ser jimmaterjalizza. Dan jingħad minnu konsidrat li huwa kien għadu qiegħed jipprova jilħaq ftehim bonarju, tant li lanqas kien għadu ġie nterpellat ġudizzjarjament u li fi kwalunkwe każ lanqas kien qiegħed igawdi d-dgħajsa tant li kienet qiegħda ggaraxxjata peress li kienet ix-xitwa.

27. Iżda apparti li dan mhux argument li jista' jkun ta' fejda għall-appellant, peress li ma jittrattax is-sustanza tal-każ, jiġi osservat ukoll li bejn meta kellu jkun ovvju għall-attur li n-negozju dwar it-trasferiment tal-proprjeta` ma kienx ser iseħħ f'Novembru tas-sena 2013 (ara Dok. VJV 2 a fol. 7 tal-proċess 1198/2015) u meta nħareġ il-mandat ta' qbid kawtelatorju fil-21 ta' April, 2014, kien hemm biżżejjed żmien sabiex l-istess konvenut seta' jiddepożita d-dgħajsa in kwistjoni. Minkejja li kienet ix-xitwa u li d-dgħajsa kienet iggaraxxjata, kien biss wara li l-attur fittxu għall-ħlas tad-dgħajsa permezz tal-proċeduri odjerni, li l-appellant, permezz tal-kawża 1198/2015 fl-ismijiet inversi li qiegħda tiġi deċiża llum ukoll, ittanta jattakka l-bejgħ tal-istess dgħajsa, aktar bħala reazzjoni għal din il-kawża. Konsidrat dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak deċiż mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Marzu, 2017. Għalhekk dik is-sentenza ser tiġi wkoll ikkonfermata.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut, Victor Joseph Vella, billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenzi tal-ewwel Qorti tal-11 ta' Diċembru, 2014, tas-26 ta' Frar, 2015, tal-15 ta' Settembru, 2015, u tat-30 ta' Marzu, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm